31999R1601



# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1601/1999
## tat-12 ta' Lulju 1999
## li jimponi dazju kompensatorju definittiv u li definittivament jiġbor id-dazju provisorju impost fuq il-wires ta' l-istainless steel ta' dijametru ta' inqas minn 1 mm li joriġina fl-Indja u jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' wires ta' l-istainless steel b'dijametru ta' inqas minn 1 mm li joriġina fir-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet ssussidjati mill-pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] u b'mod partikolari Artikoli 14 u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### (A) IL-MIŻURI PROVISORJI

(1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 619/1999 [2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "Ir-regolament provisorju") li jimponi dazji provisorji kumpensattivi fuq l-importazzjonijiet ta' *wires* ta' l-*istainless steel* b'dijametru inqas minn 1 mm (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "SSW fin" jew "prodott konċernat"), li joriġina fl-Indja u fir-Repubblika tal-Korea (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "l-Korea"), u li jaqa' fil-kodiċi NM ex 7223 00 19.

### (B) IL-PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(2) Sussegwentement għall-iżvelar tal-fatti essenzjali u tal-konsiderazzjonijiet fuq il-bażi ta' liema kien deċiż li jiġu mposti miżuri provisorji fuq l-importazzjoni ta' SSW fin li joriġina fl-Indja u fil-Korea (minn hawn il quddiem imsejjaħ bħala "l-iżvelar"), diversi partijiet interessati taw il-kummenti bil-miktub. Il-partijiet li hekk talbu inġħataw ukoll l-opportunità li jinstemgħu b'mod orali.

(3) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja għall-konklużjonijiet definittivi tagħha.

(4) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti essenzjali u bil-konsiderazzjonijiet fuq il-bażi ta' liema huwa maħsub li tiġi rakkomandata (i) l-imposizzjoni ta' dazji kumpensattivi definittivi fuq importazzjonijiet mill-Indja u l-ġbir definittiv ta' l-ammonti assigurati permezz ta' dazji provisorji fuq dawn l-importazzjonijiet u (ii) it-terminazzjoni tal-proċedimenti kontra l-importazzjonijiet mill-Korea minħajr l-impożizzjoni ta' miżuri. Inġħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih huma setgħu, sussegwentement għal dan l-iżvelar, jagħmlu rappreżentazzjonijiet.

(5) Il-kummenti orali u miktuba mogħtija mill-partijiet ġew ikunsidrati, u, fejn meqjus xieraq, il-konklużjonijiet provisorji ġew immodifikati kif meħtieġ.

### (Ċ) IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(6) Il-prodott taħt konsiderazzjoni huwa l-SSW fin, li jkollu piż ta' 2,5 % jew iżjed ta' nikel, għajr dak li jkollu piż ta' 28 % jew iżjed iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikel u 20 % jew iżjed iżda mhux iktar minn 22 % ta' kromju.

(7) Instab fl-istadju provisorju ta' l-investigazzjoni li kien hemm differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi u l-użu bejn SSW kopert bl-investigazzjoni preżenti, jiġifieri b'dijametru ta' 1 mm jew iżjed (*wire* kbir) u SSW b'dijametru ta' inqas minn 1 mm (*wire* fin). Għal dawn ir-raġunijiet, deher ukoll illi ma kienx hemm, jew kien hemm interkambjalità limitata ħafna bejn l-applikazzjonijiet ta' *wires* kbar u fini. Madanakollu, inġħad ukoll fir-Regolament provisorju illi l-kwistjoni jekk il-linja li tifred għandhiex tinqata' bejn dawn iż-żewġ prodotti kinitx se tkun investigata iżjed sa l-istadju definittiv.

(8) Fuq il-bażi ta' iktar informazzjoni miġbura mill-partijiet interessati, huwa konkluż li l-*wire* kbir u l-*wire* fin huma żewġ prodotti differenti għax huma għandhom karatteristiċi fiżiċi differenti u huma użati għal applikazzjonijiet differenti. L-ewwel, fir-rigward tal-karatteristiċi fiżiċi, is-saħħa tensili, l-istruttura granulari u l-aħħar passata tal-SSW huma differenti għall-*wires* kbar u dawk fini. It-tieni, fir-rigward ta' l-applikazzjonijiet varji taż-żewġ prodotti, instab li *wire* kbir huwa wżat għal xogħol ta' inġinerija ta' strapazz bħal sikkaturi, prodotti ta' rinforz għall-ħitan, *wires* tal-*welding*, eċċ. B'kuntrast, *wire* fin bħala regola huwa wżat għal xogħol ta' preċiżjoni bħala *screens* u filtri (drapp tal-*wire* minsuġ) b'fetħiet żgħar biex jiffiltra partiċelli żgħar jew fini ħafna (eżempju filtri tat-trab u filtri ta' sustanzi kimiċi), użu mediku/kirurġiku, eċċ.

(9) Fuq il-bażi ta' dak imniżżel hawn fuq, huwa konkluż li *wires* kbar u dawk fini huma żewġ prodotti differenti li għandhom karatteristiċi u użu differenti u li mhumiex interkambjabbli minn naħa ta' l-utenti tal-SSW.

(10) Ladarba ma nġieb ebda argument minn ebda parti konċernata fir-rigward tal-konklużjonijiet provisorji tal-Kummissjoni fuq il-prodott konċernat u l-konsiderazzjonijiet magħmula fuq il-prodott simili, il-fatti u l-konklużjonijiet kif stabbiliti fin-narrattivi 8 sa 12 tar-Regolament provisorju huma hawnhekk konfermati.

[1] ĠU L 288, tal-21.10.1997, p. 1
[2] ĠU L 79, ta' l-24.3.1999, p. 60

(D) **IS-SUSSIDJI**

I. L-INDJA

1. **Skema *passbook* (SPB) u skema *passbook* ta' intitolament tad-dazju (DEPB)**

(11) Il-Gvern ta' l-Indja (GI) u disa' produtturi esportaturi sostnew li dawn l-iskemi, li huma deskritti fin-narrattivi 14 sa 25 u 26 sa 35 tar-Regolament provisorju, saritilhom stima ħażina mill-Kummissjoni skond l-ammont tas-sussudju u l-ammont tal-benfiċċju kumpensattiv. B'mod partikolari, huma sostnew li l-istima tal-Kummissjoni tal-benefiċċji taħt dawn l-iskemi kienet ħażina għaliex id-dazju eċċessiv miġbur biss jista' jiġi kunsidrat bħala sussidju skond Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2026/97 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "ir-Regolament Bażiku").

(12) Il-Kummissjoni wżat il-metodu li ġej biex tistabbilixxi jekk l-iSPB u d-DEPB jikkostitwixxux sussidji kumpensattivi u jekk hekk, sabiex tikkalkula l-ammont ta' benefiċċju. Skond Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-iskemi jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-GI għaliex id-dħul tal-gvern (jiġifieri dazji ta' l-importazzjoni fuq l-importazzjonijiet) li jkun dovut għal affarijiet oħra, mhuwiex miġbur. Hemm ukoll benefiċċju għall-benefiċjarju għaliex il-produtturi esportaturi ma kellhomx iħallsu dazji ta' l-importazzjoni normali.

(13) Madanakollu, Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament Bażiku jipprovdi għal eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali, fost l-oħrajn, skemi ta' rtirar u skemi ta' rtirar ta' sostituzzjoni li jikkonformaw mar-regoli stretti stabbiliti f'Anness I(i), II (definizzjoni u regoli għall-irtirar) u III (definizzjoni u regoli għall-irtirar ta' sostituzzjoni) tar-Regolament Bażiku.

(14) L-analiżi tal-Kummissjoni uriet illi la l-iSPB u lanqas id-DEPB ma huma skemi ta' rtirar jew skemi ta' rtirar ta' sostituzzjoni. Dawn l-iskemi ma kellhomx obbligu biex jimpurtaw biss oġġetti li huma kkunsmati fil-produzzjoni ta' l-oġetti esportati (Anness II tar-Regolament Bażiku). Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema ta' vverifikar biex tikkontrolla jekk l-importazzjonijiet jiġux attwalment ikkunsmati fil-proċess ta' produzzjoni. Din ukoll mhiex skema ta' rtirar ta' sostituzzjoni għaliex ma hemmx il-ħtieġa li l-oġġetti mportati jkunu ta' l-istess kwantità jew karatteristiċi bħal materja maħruġa b'mod domestiku li kienet użata għall-produzzjoni ta' l-esportazzjoni (Anness III tar-Regolament Bażiku). Fl-aħħar, il-produtturi esportaturi huma eliġibbli għall-benefiċċji ta' l-iSPB u tad-DEPB kemm jekk jimpurtaw xi materja u kemm jekk le. Sabiex jakkwista il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta oġġetti mingħajr il-ħtieġa li juri li xi materjal għall-użu kienx ġie fil-fatt importat; għalhekk, il-produtturi esportaturi li jużaw prodotti lokali u ma jimpurtawx oġġetti li jistgħu jintużaw għall-użu huma xorta intitolati għall-iSPB u għall-benefiċċji tad-DEPB. Għalhekk, l-iSPB u d-DEPB mhumiex konformi ma kwalunkwe dispożizzjoni ta' Annessi I sa III. Minħabba li din l-eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' sussidju ta' Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku għalhekk ma tapplikax, il-benefiċċju kumpensattiv huwa r-remissjoni tat-total tad-dazju ta' l-importazzjoni normalment dovut fuq l-importazzjonijiet kollha.

(15) Minn dan ta' hawn fuq, isegwi b'mod ċar illi r-remissjoni żejda tad-dazji ta' l-importazzjoni hija l-bażi li fuqha jiġi kalkulat l-ammont ta' benefiċċju, fil-każ biss ta' rifużjoni *bona fide* u ta' skemi ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni. Minħabba li ġie stabbilit li l-iSPB u d-DEPB ma jaqawx taħt waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji, il-benefiċċju huwa r-remissjoni totali tad-dazji ta' l-importazzjoni, u mhux kwalunkwe remissjoni żejda li suppost.

(16) Il-GI u d-disa' produtturi esportaturi, argumentaw li t-trattament ta' dawn l-iskemi huwa inkonsistenti mal-konklużjonijiet provisorji fl-investigazzjoni parallela kontra l-bejgħ taħt il-prezz għaliex il-Kummissjoni fl-investgazzjoni kontra l-l-bejgħ taħt il-prezz tat konċessjoni għal dazju fuq l-importazzjoni mhux imħallas taħt l-iSPB u d-DEPB għal materja wżata mportata attwalment ikkunsmata fil-produzzjoni ta' prodotti esportati.

(17) Madanakollu, skond Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament Bażiku kontra l-bejgħ taħt il-prezz, ir-Regolament (KE) Nru 384/96 [1], ingħatat konċessjoni biss fejn kien muri li l-materjal li fuqu tħallsu dazji fuq l-importazzjoni, kienu fiżikament inkorporati fil-prodott konċernat, mibjugħ fis-suq domestiku u li d-dazji fuq l-importazzjoni ma kienux miġbura jew imħallsa lura fir-rigward tal-prodott esportat lill-Komunità. Waqt illi konċessjoni bħal din fl-aħħar mill-aħħar tnaqqas il-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz, hija mhiex rilevanti fl-investigazzjoni kontra s-sussidji, għaliex l-iSPB u d-DEPB diġà nstabu li huma kumpensattivi, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku, għar-raġunijiet imsemmija fuq. Kif spjegat hawn fuq, ladarba s-sussidju kumpensattiv jiġi misjub li jeżisti, il-benefiċċju lill-benefiċjarju huwa l-ammont sħiħ tad-dazju fuq l-importazzjoni mhux imħallas mill-produttur esportatur fuq it-transazzjonijiet ta' l-importazzjoni kollha. F'dan ir-rigward, mhux għall-Kummissjoni illi terġa tibni l-iSPB u d-DEPB biex tistabbilixxi liema prodotti huma fiżikament inkorporati u liema mhumiex. Iżjed minnhekk, għandu jkun enfasizzat li l-analiżi li tirrigwarda il-kumpensattività ta' skema u l-konċessjoni għal materjal użat inkorporat fiżikament huma kompletament differenti fir-rigward ta' l-għan, tal-kalkulazzjoni metodoloġika u tal-bażi legali. L-iskop li tiġi eżaminata l-konċessjoni in kwistjoni fl-investigazzjonijiet kontra l-l-bejgħ taħt il-prezz hija biex taġġusta l-valuri normali. L-eżami tal-kumpensattività ta' l-iskema f'investigazzjoni kontra s-sussidji għandu l-għan li jistabbilixxi l-benefiċċji li jirċievi l-esportatur taħtha. Iżjed minnhekk, il-kalkulazzjoni metodoloġika hija differenti fl-investigazzjonijiet kontra l-bejgħ taħt il-prezz u kontra

[1] ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.4.1998, p. 18)

s-sussidji. Waqt illi fil-każi kontra l-bejgħ taħt il-prezz il-konċessjoni hija mogħtija biss skond l-esportazzjoni tal-prodotti konċernati lill-Komunità, fl-investigazzjoni kontra s-sussidji, il-benefiċċji huma eżaminati skond it-total ta' l-esportazzjoni tal-prodotti kollha għad-destinazzjonijiet kollha skond Artikolu 7(2) tar-Regolament Bażiku u "l-linji ta' gwida għall-kalkulazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju fl-investigazzjonijiet tad-dazju kompensatorju" (minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala "Linji ta' gwida tal-Kalkulazzjoni") ([1]).

(18) Il-GI u d-disa' produtturi esportaturi isostnu wkoll illi l-Kummissjoni kellha teżamina jekk kienx hemm fil-fatt rifużjoni eċċessiv ta' pagament fuq l-importazzjoni ta' materjal ikkunsmat fil-proċess ta' produzzjoni.

(19) Kif diġà spjegat fin-narrattivi 12 sa 15, Annessi II u III fihom ir-regoli li jistabbilixxu jekk skema tikkostitwix rifużjoni ta' dazju jew rifużjoni ta' sostituzzjoni. Ir-remissjoni żejda tad-dazji fuq l-importazzjoni hija l-bażi biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' benefiċċju, fil-każ biss ta' skemi ta' rifużjoni u ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat ladarba l-kwistjoni ta' remissjoni żejda tqum biss fil-kuntest ta' assessjar xieraq ta' skemi ta' rifużjoni/rifużjoni ta' sostituzzjoni kostitwiti, u kien ġie stabbilit li l-iSPB u d-DEPB mhumiex skemi ta' rifużjoni jew ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni fit-tifsira ta' Anness I(i) u ta' Annessi II u III tar-Regolament Bażiku.

(20) Il- GI u d-disa' produtturi esportaturi isostnu li l-Kummissjoni naqset milli teżamina jekk il-GI għandux sistema jew proċedura fis-seħħ li tikkonferma li l-materjal użat huwiex ikkunsmat fil-proċess tal-manifattura tal-prodotti esportati, u f'liema ammonti. Il-GI isostni illi n-normi standard ta' dħul/ħruġ jikkostitwixxu sistema adegwata ta' verifikar.

(21) Dan l-argument għandu x'jaqsam mal-fatt jekk l-iSPB u d-DEPB jistgħux jiġu kunsidrati bħala skemi ta' rifużjoni jew skemi ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni. Minħabba li kien stabbilit li l-iSPB u d-DEPB mhumiex skemi ta' rifużjoni jew ta' rifużjoni ta' sostituzzjoni fis-sens ta' Annessi II u III għar-Regolament Bażiku, ma hemmx bżonn li jsiru aktar eżamijiet. Anki jekk l-iSPB u d-DEPB kienu jissodisfaw il-kriterji ta' Annessi II u III, għandu jiġi konkluż illi ma teżisti l-ebda sistema raġonevoli ta' verifikar. In-normi ta' dħul/ħruġ huma lista ta' affarijiet possibbli li jistgħu jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni u f'liema ammonti. Madanakollu, in-normi ta' dħul/ħruġ mhumiex sistema ta' verifikar fis-sens tal-paragrafu 5 ta' Anness II tar-Regolament Bażiku. Dawn in-normi ma jipprovdux għal verifikar ta' materjal għall-użu li jiġi attwalment ikkunsmat fil-proċess tal-produzzjoni u ma jipprovdux għal sistema ta' verifikar jekk dan il-materjal għall-użu jkunx effettivament importat.

(22) Il-GI u d-disa' produtturi esportaturi allegaw li l-Kummissjoni ikkumpensat b'mod mhux korrett il-valur ta' l-ammont ta' kreditu fil-liċenzja DEPB minflok il-valur nett fuq il-bejgħ tal-liċenzja. Kumpanija waħda sostniet li t-taxxa tal-bejgħ, li kienet ġiet imħallsa fuq il-bejgħ tal-liċenzja, għandha tkun imnaqqsa mill-ammont totali tas-sussidju.

(23) Taħt id-dispożizzjonijiet kurrenti tad-DEPB, kumpanija, li tkun kisbet liċenzji, għandha żewġ għażliet: li timporta kwalunkwe prodott (għajr l-affarijiet imsemmija fil-lista negattiva) billi tuża l-krediti biex tagħmel tajjeb għad-dazji ta' l-importazzjoni applikabbli jew titrasferixxi l-liċenzja lil terza persuna. Kif spjegat f'narrattiva 34 tar-Regolamenrt provisorju, il-Kummissjoni kunsidrat li "l-bejgħ ta' liċenzja bi prezz inqas mill-valur prima facie hija deċiżjoni puramente kummerċjali li ma tbiddilx il-benefiċċju miksub mill-iskema". Barra minn hekk, Artikolu 7 tar-Regolament Bażiku iniżżel l-elementi li jistgħu jitnaqqsu mill-ammont ta' sussidju. Kull miżata jew spiża ta' l-applikazzjoni minfuqa biex jikkwalifika jew biex jikseb sussidju jistgħu jitnaqqsu mill-ammont ta' sussidju. It-trasferiment ta' ammont ta' benefiċċju aktar baxx minn dak li attwalment ingħata u t-taxxa tal-bejgħ ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala tnaqqis iġġustifikat fis-sens ta' Artikolu 7 tar-Regolament Bażiku għaliex dawn l-elementi mhumiex neċessarjament spiża mġarrba għall-kwalifikazzjoni għal jew ksib ta' sussidju.

(24) Il-GI u d-disa' produtturi esportaturi argumentaw li l-Kummissjoni kkumpensat parti mill-benefiċċji taħt dawn l-iskemi darbtejn minħabba l-irduppjar bejn dan il-proċediment u l-investigazzjoni tal-vireg *bright* ta' l-*istainless steel bars*.

([1]) ĠU Ċ 394, tas-17.12.1998, p. 6

(25) Il-Kummissjoni segwiet l-istess metodoloġija li kienet ġiet wżata fl-antibijotiċi [1] u fil-vireg ta' l-*istainless steel* [2]. Skond Artikolu 7(2) tar-Regolament Bażiku, l-ammont ta' sussidju kumpensattiv kien ġie stabbilit bl-allokazzjoni tal-valur tas-sussidju totali fuq il-livell ta' l-esportazzjoni totali. Minħabba li s-sussidji fuq l-esportazzjoni ma kienux marbutin ma' l-esportazzjoni tal-prodott konċernat iżda ma' l-esportazzjoni kollha tal-kumpaniji, il-Kummissjoni kunsidrat xieraq li tuża din il-metodoloġija. Fl-użu ta' din il-metodoliġija, ma kienx hemm għadd doppju ta' benefiċċji li kienu diġà kkumpensati fil-vireg ta' l-i *stainless steel* għaliex is-sussidji kienu allokati fuq l-esportazzjoni kollha.

(26) Kumpanija waħda, Raajratna Metal Industries Ltd, ma qablitx mal-metodoloġija wżata mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-benefiċċju taħt il-*passbook* u l-iskemi tad-DEPB. Huma sostnew li l-krediti miksubin biss fuq il-prodott konċernat matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni għandhom jiġu kunsidrati. Dan l-ammont, il-kumpanija tgħid, għandu mbagħad jiġi allokat fuq il-bejgħ gross li jikkorrispondi għall-esportazzjoni tal-prodott konċernat biex jikkalkula il-benefiċċju.

(27) Il-Kummissjoni ikunsidrat illi jekk hija jkollha taċċetta dan l-argument, l-effett ikun biex tikkumpensa il-potenzjal, għall-kuntrarju tal-benefiċċji attwali li nġabru matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kif kumpanija ma jistax jingħad li tirċievi sussidju sakemm jsir użu mill-kreditu, il-Kummissjoni iddeċidiet li huma d-debiti totali wżati li l-aħjar jirriflettu l-benefiċċju veru għal kumpanija. L-argument huwa għalhekk miċħud.

### 2. **Skema ta' promozzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti kapitali (SPEOK)**

(28) Tlett kumpanijji għamlu talba fir-rigward ta' l-iskema ta' promozzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti kapitali (SPEOK), li hija deskritta fin-narrazzjonijiet 36 sa 39 tar-Regolament provisorju. Dawn jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-benefiċċju fuq il-perjodu normali tad-deprezzament ta' l-assi fissi.

(29) Ġie argumentat li kien hemm diskrepanza bejn il-perjodu ta' deprezzament użat fl-ittra ta' l-iżvelar u fir-Regolament provisorju. Il-Kummissjoni stabbiliet medja tal-perjodi ta' deprezzament użati mill-produtturi kollha esportaturi il-prodott konċernat, u waslet f'perjodu ta' deprezzament medju ta' 12-il sena. Dan il-perjodu huwa wżat fil-konklużjoni provisorja u jkun konfermat fl-istadju definittiv. L-ammont ta' sussidju taħt l-SPEOK kien allokat fuq 12-il sena skond Artikolu 7(3) tar-Regolament Bażiku.

(30) Kumpanija waħda argumentat li l-oġġetti kapitali tagħha ġew deprezzati fuq 21 sena u li dan il-perjodu ta' deprezzament kellu jkun użat minflok il-medja ta' 12-il sena.

(31) Kif spjegat fuq, is-servizzi tal-Kummissjoni, biex jiġu stabbiliti l-konklużjonijiet provisorji, iddeċiedew il-perjodu normali ta' deprezzament fuq l-oġġetti kapitali fl-industrija tal-*wires* ta' l-i *stainless steel,* jiġifieri 12-il sena fuq il-bażi tal-perjodu medju wżat mill-produtturi Indjani esportaturi li kkoperaw. Dan huwa skond il-ħtiġiet ta' Artikolu 7(3) tar-Regolament Bażiku li jgħid li fejn sussidju jista' jkun marbut ma' l-akkwist ta' assi fissi, l-ammont tas-sussidju kumpensattiv għandu jiġi kkalkulat billi is-sussidju jiġi mifrux fuq perjodu li jirrifletti d-deprezzament normali ta' dawn l-assi fl-industrija konċernata. Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, mhux xieraq li jintuża il-perjodu speċifiku ta' deprezzament tal-kumpanija. Il-pretensjoni hija għalhekk miċħuda.

### 3. **Skema ta' eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul**

(32) Kumpanija waħda, Drawmet Wires Ltd ma ssottomettietx kopja tal-prospett tat-taxxa tad-dħul fit-terminu ta' żmien stipulat mill-Kummissjoni u għalhekk ġiet ikunsidrata li ma kko-operatx għall-iskop ta' eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul. Wara l-iżvelar, din il-kumpanija ssottomettiet kopja tal-prospett tat-taxxa tad-dħul tagħha li wera li ma ngħataw ebda benefiċċji taħt din l-iskema. Għalhekk, il-marġini tas-sussidju għal Drawmet Wires Ltd huwa adattat għal 8,5 %.

### 4. **Ammont ta' sussidji kumpensattivi**

(33) Fil-kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet definittivi relatati ma' l-iskemi varji kif stabbiliti hawn fuq, l-ammont ta' sussidji kumpensattivi għal kull wieħed mill-produtturi esportaturi investigati huwa kif ġej:

[1] ĠU L 273, tad-9.10.1998, p. 4
[2] ĠU L 202, tat-18.7.1998, p. 44

| | Ktieb tal-bank | DEPB | EPĊGS | Taxxa fuq id-dħul | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| *Wires* Drawmet | 1,4 % | 7,1 % | 0,0 % | 0,0 % | 8,5 % |
| Wire Indore | 7,7 % | 10,7 % | 0,9 % | 0,0 % | 19,3 % |
| Azzar *Isinox* | 4,3 % | 5,8 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,1 % |
| Industriji *Kei* | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % |
| Vireg *Macro* | 9,6 % | 12,6 % | 0,0 % | 3,2 % | 25,4 % |
| Mukand Ltd | 7,5 % | 5,7 % | 0,0 % | 0,0 % | 13,2 % |
| Raajratna | 23,3 % | 13,7 % | 0,0 % | 5,9 % | 42,9 % |
| Wire Venus | 19,8 % | 14,3 % | 0,0 % | 1,3 % | 35,4 % |

(34) L-ammont ta' sussidju stabbilit definittivament għall-kumpaniji Indjani għajr għal dawk li kkoperaw f'din l-investigazzjoni, espressi bħala persentaġġ tal-prezz nett ħieles fil-Komunitarju, huwa ta' 44,4 %, li huwa is-somma ta' l-aktar ammont għoli mogħti lil kwalunkwe esportatur li jikkopera taħt kull skema.

II. IL-KOREA

1. **Programmi ta' self**

(a) *Kalkolu tar-rata ta' l-imgħax standard*

(35) Il-Gvern tal-Korea (GK) sostna li fir-rigward tal-kalkulazzjoni ta' l-ammont ta' sussidju fil-każi ta' self, kellu jkun użat l-approċ ta' l-ispejjeż għall-gvern iktar milli l-benefiċċju għall-benefiċjarju, billi kkwota Artikolu 19(4) u 6(1)(a), u Anness I punti (k) u (l) tal-Ftehim fuq is-sussidji u l-miżuri kumpensattivi (FSMK).

(36) Huwa kunsidrat illi d-dispożizzjonijiet ikkwotati mill-GK mhumiex applikabbli għall-programmi ta' self investigati. Artikolu 19(4) tal-FSMK jistabbilixxi li ebda dazju kompensatorju ma huwa meħud b'żjieda ta' l-ammont tas-sussidju misjub li jeżisti, ikkalkulat fuq il-bażi tal-benefiċċju mogħti. Din id-dispożizzjoni kienet osservata għaliex ir-regoli espliċiti għall-kalkolazzjoni tas-sussidji fil-każi ta' self, jiġifieri, Artikoli 5 u 6 punt (b) tar-Regolament Bażiku li jinkorpora Artikolu 14(b) tal-FSMK, ġew segwiti. Dawn ir-regoli jistabbilixxu b'mod ċar li s-sussidju għandu jiġi kkalkolat fit-termini tal-benefiċċju li huwa d-differenza bejn l-ammont li l-intrapriża li tirċievi s-self qegħdha tħallas u l-ammont li l-intrapriża kienet tħallas għal self kummerċjail komparabbli. Artikolu 19(4) tal-FSMK ma joħloqx il-ħtieġa għall-kalkolazzjoni ta' sussidju fuq il-bażi ta' l-ispejjeż lill-gvern. Artikolu 6(1)(a) tal-FSMK jikkonċerna preżunzjoni ta' preġudizzju serju f'ċertu ċirkostanzi, li mhuwiex applikabbli għall-proċeduri tad-dazji kumpensattivi. Punt (k) ta' Anness I tal-FMSK li huwa riprodott f'Anness I tar-Regolament Bażiku jipprovdi għal regoli speċjali għall-kreditu ta' l-esportazzjoni li huma eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali għall-kalkolazzjoni ta' sussidji f'każi ta' self. L-oġġett (l) fih innifsu ma jistabbilixxix li l-approċ ta' spejjeż għall-gvern jipprevali fuq ir-regoli espliċiti f'Artikoli 5 u 6 punt (b) tar-Regolament Bażiku, b'mod partikolari għaliex dan l-oġġett kien diġà preżenti fil-lista illustrattiva tas-sussidji ta' l-esportazzjoni adottati matul is-sensiela ta' negozjati tal-GATT f'Tokjo, fi żmien meta l-approċ ta' benefiċċju għall-benefiċjarju kien għadu ma ġiex inkorporat fir-regoli ta' l-ODK.

(37) Iżjed minn hekk, il-GK sostna li t-tqabbil ta' l-interess mħallas fuq programm ta' self tal-gvern ma' self kummerċjali jassumi b'mod żbaljat li r-rati ta' l-interess fuq is-self kollu fl-ekonomija jkun indaqs.

(38) Il-Kummissjoni ma tassumix li s-self kollu huwa ndaqs iżda li huwa wżat bħala standard, self li huwa kunsidrat bħala komparabbli fuq il-bażi ta' perjodu ta' ħlas lura, l-ammont prinċipali u l-iskop tas-self kif inhu meħtieġ taħt Artikolu 6(b) tar-Regolament Bażiku.

(39) Finalment, il-GK sostna li r-rata ta' l-imgħax standard relevanti għandha tkun dik fuq self komparabli mogħti fl-istess żmien tas-self in kwistjoni, iktar milli tuża rati ta' imgħax li jipprevalu fil-perjodu ta' investigazzjoni għaliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-rata ta' l-imgħax kienet għolja b'mod mhux normali minħabba l-kriżi finanzjarja.

(40) Ġie misjub fil-kors ta' l-investigazzjoni li r-rati ta' l-imgħax għal self mogħti fuq bażi kummerċjali jirriflettu l-kondizzjonijiet tas-suq billi jinbidlu matul iż-żmien. Dawn is-self kellhom juru l-istess rati ta' imgħax matul il-perjodu ta' investigazzjoni, irrilevanti jekk ingħatawx fl-istess żmien bħas-self tal-gvern jew le. Għalhekk, il-Kummissjoni mhiex sejra tiddevja mill-prattika normali tagħha stabbilita bir-Regolment Bażiku u mil-linji ta' gwida ta' kalkolazzjoni. Għalhekk, din il-pretensjoni hija miċħuda.

(41) Żewġ produtturi Koreani esportaturi sostnew li l-ikklassifikar tal-Kummissjoni tas-self f'ħames kategoriji fuq il-bażi ta' l-ammont tas-somma, huwa arbitrarju u inkonsistenti mal-prattika normali tal-banek Koreani u li konsegwentement il-ħidma tar-rata ta' l-imgħax fuq il-bażi ta' l-ammont ta' self ma tikkostitwix metodoloġija adegwata biex tiġi stabbilta r-rata ta' l-imgħax *standard*. Produttur Korean esportatur sostna illi minħabba li l-banek Koreani ma jagħtux kas ta' l-ammont tas-self bħala fattur determinanti għar-rata ta' l-imgħax, il-Kummissjoni għandha tuża bħala l-uniku standard, ir-rata medja ta' l-imgħax proprja tal-produttur fuq bażi kummerċjali. Żewġ produtturi Koreani esportaturi sostnew ukoll li l-Kummissjoni għandha tuża r-rati ta' l-imgħax fuq is-self kummerċjali bħala r-rata ta' l-imgħax ta' l-istandard għal self EXIM-SM.

(42) B'risposta għal dawn il-pretensjonijiet, huwa kunsidrat illi Artikolu 6(b) tar-Regolament Bażiku jagħmilha ċara li l-istandard għall-kalkolazzjoni tas-sussidju huwa self kummerċjali komparabbli li l-kumpanija tkun tista' takkwista fis-suq. Għalhekk, il-prattika tal-Komunità f'dan il-qasam, kif stabbilit fil-linji ta' gwida tal-kalkolazzjoni, hija li tqabbel is-self ma' ammont simili, l-iskop u l-perjodu simili ta' ħlas lura. Is-self kummerċjali (jiġifieri self għal żmien qasir għal raġunijiet operazzjonali) miksuba mill-produtturi Koreani esportaturi, ivarjaw fl-għanijiet (ara narrativa 126 tar-Regolament provisorju) u l-perjodu ta' self mis-self EXIM-SM in kwistjoni u għalhekk mhumiex self komparabbli. Dawn il-pretensjonijiet huma għalhekk miċħuda.

(43) Żewġ produtturi Koreani esportaturi argumentaw aktar illi l-Kummissjoni wżat rati ta' interessi għoljin b'mod esaġerat, riżultat tal-kriżi finanzjarja fil-Korea bħala *standard* għall-kalkolu tas-sussidju fuq is-self, konkluż qabel il-kriżi.

(44) Artikolu 6(b) tar-Regolament Bażiku jgħid li l-benefiċċju huwa kkalkulat billi tqabbel ir-rati ta' l-imgħax fuq is-self tal-gvern mar-rati ta' imgħax fuq is-self kummerċjali komparabbli. Biex jintlaħaq dan, ir-rati ta' l-imgħax medji fuq is-self tal-gvern kienu mqabbla mar-rati ta' l-imgħax medji fuq is-self kummerċjali komparabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din il-pretensjoni hija għalhekk miċħuda.

(b) *Self għall-produzzjoni tax-xbieki tas-sajd (SPXS)*

(45) Il-GK sostna li għaliex is-self kien speċifiku għall-industrija tax-xbieki tas-sajd, ma kienx ingħata benefiċċju lill-esportatur tal-*wires* ta' l-*istainless steel* u lanqas kienet speċifika għall-industrija ta' l-i *stainless steel*. B'żjieda, kumpanija li tipproduċi kemm xbieki tas-sajd u kemm *wires* ta' l-*istainless steel* tista' tħaddem ir-riżorsi finanzjarji u ż-żamma tal-kontijiet tagħhom b'mod separat.

(46) Fil-kors ta' l-investigazzjoni ġie stabbilit li l-produtturi esportaturi *wires* ta' l-*istainless steel* irċevew self bħal dan, li huwa kumpensattiv għaliex, kif ammess mill-GK, huwa speċifiku għall-industrija tax-xbieki tas-sajd. Huwa kunsidrat bħala irrelevanti li l-iskema in kwistjoni mhiex speċifika għall-industrija li tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni sakemm il-programm huwa speċifiku kif inhu u l-benefiċċji tiegħu jistgħu jiġu relatati malproduzzjoni tal-prodott konċernat. Il-każ huwa bħal ta' l-aħħar għaliex is-self sussidjat naqqas l-ispejjeż finanzjarji tal-produttur li wkoll ibbenefika l-prodott konċernat. Ma nġiebet l-ebda xhieda li t-tħaddim tar-riżorsi finanzjarji mill-produtturi esportaturi konċernati kien magħmul b'tali mod illi l-ispejjeż finanzjarji totali tal-kumpanija ma jkunux affetwati bl-għoti tas-self. Għalhekk, din il-pretensjoni hija miċħuda.

(ċ) *Fondi ta' self għat-twaqqif u l-promozzjoni ta' IŻM (IŻM-FSTP)*

(47) Il-GK sostna li t-tip-Ċ ta' self mogħti taħt il-*By-law* għat-Twaqqif u l-Operazzjoni tal-Fond ta' Għajnuna lill-Belt Metropolitana ta' Pusan ma kienx dipendenti fuq kif tmur l-esportazzjoni għaliex tminn kriterji prinċipali u tnax-il kriterju addizzjonali li jistabbilixxu l-eliġibiltà ta' self huma oġġettivi u newtrali. L-uniku element relatat ma' l-esportazzjoni huwa li tingħata konsiderazzjoni addizzjonali għall-IŻM li bejgħ għall-esportazzjoni tagħhom jammonta għal iżjed minn 20 % tal-bejgħ totali tagħhom. L-iskop ta' din l-iskema mhux li tippromwovi l-esportazzjoni iżda li tuża s-sehem fl-esportazzjoni bħala indikatur indirett ta' l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiċi.

(48) Huwa kunsidrat li, anke jekk kundizzjoni li hija relatata ma kif tmur l-esportazzjoni hija waħda biss minn fost diversi kriterji, hija madanakollu tagħmel l-iskema dipendenti fuq kif tmur l-esportazzjoni u għalhekk speċifika. Dan huwa stabbilit b'mod ċar f'Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament Bażiku li jgħid illi s-sussidji li huma dipendenti fil-liġi jew fil-fatt, kemm jekk waħidhom jew bħala waħda mid-diversi kondizzjonijiet, fuq kif tmur l-esportazzjoni huma meqjusa li huma speċifiċi. Minħabba li wieħed mill-elementi li għandu jittieħed in konsiderazzjoni mill-awtorità li tagħti, huwa li jkun miksub sehem minimu ta' l-esportazzjoni fil-bejgħ totali, din il-ħtieġa ta' dipendenza fuq kif tmur l-esportazzjoni hija sodisfatta għaliex il-kumpaniji jistgħu ma jkunux kisbu benefiċċji mingħajr ma jkunu qabżu ċertu livell ta' bejgħ fl-esportazzjoni. Il-pretensjoni tal-GK hija għalhekk miċħuda.

(d) *Self kummerċjali għall-iżvilupp teknoloġiku (SKŻT)/fond għall-promozzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija (FPXT)*

(49) Il-GK sostna li dawn il-programmi jipprovdu assistenza għall-attivitajiet ta' riċerka skond Artikolu 8(2)(a) ta' l-ASCM u għalhekk mhumiex azzjonabbli u mhumiex kumpensattivi. Barra minn hekk, l-iżvilupp teknoloġiku, u l-promozzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija huma kriterji oġġettivi u newtrali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(b) ta' l-ASCM u l-programmi huma ġeneralment disponibbli għall-industriji kollha li jinvestu fi proġetti ta' żvilupp teknoloġiku u għalhekk mhumiex speċifiċi. Dwar l-FPXT, il-GK sostna wkoll illi minħabba li huma wżati kriterji trasparenti u oġġettivi mill-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, huwa ma jista jeżerċita l-ebda diskrezzjoni fid-deċiżjoni dwar il-proġetti prijotarji u li l-Kummisjoni naqset milli tippreżenta xi evidenza biex issostni l-konklużjonijiet tagħha li din id-diskrezzjoni ġiet eżerċitata.

(50) Il-pretensjoni ta' nuqqas ta' azzjonabilità għaż-żewġ programmi hija miċħuda għall-istess raġunijiet imsemmija taħt narrattivi 75 sa 77. L-ebda xhieda ma ġiet provduta li setgħet titfa dubju fuq il-konklużjonijiet provisorji li l-SKŻT kienet speċifika għal ċertu industriji li nvestew f'ċertu programmi kif stabbilit mill-Ministeru tal-Kummerċ u ta' l-Industrija. Fir-rigward ukoll ta' l-FPXT, l-ebda informazzjoni fuq xi kriterju wżat mill-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija ma kienet provduta. Matul l-investigazzjoni kien verifikat li l-Ministeru tax-Xjenxa u t-Teknoloġija fil-fatt kien iddeċieda minn żmien għal żmien fuq il-proġetti ta' prijorità. Dan huwa kunsidrat bħala evidenza suffiċjenti biex tistabbilixxi li l-FPXT huwa de facto speċifiku fit-tifsira ta' Artikolu 3(2)(ċ) tar-Regolament Bażiku. Għalhekk, il-pretensjoni li l-iskemi mhumiex speċifiċi hija miċħuda.

(e) *Self għall-iffinanzjar ta' l-esportazzjoni*

(51) Produttur Korean esportatur sostna li l-Kummissjoni ma tatx kas ta' ċerta informazzjoni vverifikata u għamlet ċerti żbalji ta' kalkolu biex tistabbilixxi l-benefiċċju mis-self ta' l-EXIM-SM.

(52) Huwa kunsidrat li din il-pretensjoni hija valida. Saru aġġustamenti xierqa kif kien meħtieġ għall-ammont ta' sussidju għall-kumpanija relevanti.

(53) Il-GK sostna li minħabba li s-self ta' l-EXIM-EC (qabel jintbagħat bil-baħar), l-EXIM-SM u l-EXIM-FIC ingħataw b'rati ogħla minn dawk li l-EXIM attwalment ħalset għall-fondi, is-self ta' l-EXIM-EC, l-EXIM-SM u l-EXIM-FIC mhumiex kumpensattivi. Iżjed minn hekk, huwa argumentat illi n-nota 5 tal-qiegħ tal-paġna għal Artikolu 3(1)(a) ta' l-ASCM tgħid illi l-miżuri li għalihom issir riferenza f'Anness I, bħala li ma jikkostitwux sussidju fuq l-esportazzjoni, ma għandhomx ikunu projbiti taħt din jew xi dispożizzjoni oħra ta' l-ASCM.

(54) Huwa kunsidrat illi dawn l-argumenti japplikaw biss għall-"krediti ta' l-esportazzjoni" kif definiti f'punt (k) ta' Anness I tar-Regolament Bażiku. Kif diġà spjegat fir-Regolament provisorju fin-narrattivi 129 u 130, is-self ta' l-EXIM-EC (qabel jintbagħat bil-baħar), l-EXIM-SM u l-EXIM-FIC mhumiex meqjusa li huma "krediti għall-esportazzjoni" u ma jaqgħux taħt punt (k) ta' Anness I tar-Regolament Bażiku. Dawn il-pretensjonijiet huma għalhekk miċħuda.

(55) Il-GK argumenta li l-EXIM-FIC ma hija dipendenti la fuq kif tmur l-esportazzjoni u lanqas fuq l-użu domestiku fuq l-oġġetti importati fit-tifsira ta' Artikolu 3(1) ta' l-ASCM. Il-GK jgħid ukoll illi minħabba li l-EXIM-FIC hi disponibbli għal varjetà wiesgħa ta' industriji u minħabba li l-kriterji ta' l-investiment barrani huma oġġettivi u newtrali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(b) ta' l-ASCM, l-EXIM-FIC mhiex speċifika.

(56) B'risposta għal dawn l-argumenti il-Kummissjoni kkonkludiet fuq is-self ta' l-EXIM-FIC illi huma disponibbli biss għall-kumpaniji li jinvestu barra u għalhekk huma speċifiċi fit-tifsira ta' Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Bażiku minħabba li mhumiex ibbażati fuq kriterji newtrali kif spjegat taħt fin-narrattivi 80 sa 84. Kien ikunsidrat illi l-EXIM-FIC mhuwiex dipendenti fuq kif tmur l-esportazzjoni u lanqas fuq l-użu domestiku fuq l-oġġetti importati fit-tifsira ta' Artikolu 3.1 ta' l-ASCM.

2. **Sistema ta' ħlas lura ta' ammont fiss**

(57) Il-GK argumenta li din l-iskema hija sistema ta' rifużjoni fit-tifsira ta' Anness I(i), Anness II u Anness III ta' l-ASCM u sostna wkoll li d-rifużjoni tal-ħlas ta' l-importazzjoni mhuwiex aktar minn dawk li fuqhom hemm il-*levy* fuq il-materja mportata kkunsmat fil-produzzjoni tal-prodott esportat, waqt li tagħmel konċessjoni normali għall-ħela.

(58) B'risposta għal dawn l-argumenti huwa kunsidrat illi minħabba li ma hemmx obbligu biex timporta xi materja għall-produzzjoni tal-prodott esportat, l-ammont fiss għall-iskema tal-ħlas lura la huwa skema ta' rifużjoni ta' dazju u lanqas skema ta'rifużjoni ta' sostituzzjoni fit-tifsira ta' Anness I(i), Anness II u Anness III u ta' l-ASCM. Fil-fatt, l-ammont fiss tal-ħlas lura Korean jaqa' taħt id-definizzjoni ġenerali ta' sussidju skond Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku li nkorpora Artikolu l ta' l-ASCM. Huwa jikkostitwixxi sussidju bħala kontribuzzjoni finanzjarja magħmula mill-GK fil-forma ta' għotjiet ibbażati fuq valur ta' esportazzjoni FOB u jagħti benefiċċju dirett lill-benefiċjarju. Huwa sussidju dipendenti fil-liġi fuq kif tmur l-esportazzjoni u għalhekk huwa meqjus li huwa speċifiku

taħt Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament Bażiku. Konsegwentement, il-fatt ta' remissjoni f'eċċessa għad-dazju ta' l-importazzjoni, kif imsemmi f'Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament Bażiku, ma tqumx għaliex din hija relevanti biss għall-każijiet ta' rifużjoni u ta' skemi ta'rifużjoni ta' sostituzzjoni skond Anness I sa III tar-Regolament Bażiku. Għalhekk dawn il-pretensjonijiet huma miċħuda.

(59) Il-GK qal illi, skond il-paragrafu 2 ta' Anness II(II) ta' l-ASCM, jekk ma hemmx sistema jew proċedura biex tistabbilixxi jekk kienx hemm ħlas eċċessiv u l-awtoritajiet investigattivi iqisuha neċessarja, isiru aktar eżamijiet skond il-paragrafu 1 ta' Anness II(II). Il-GK sostna li għaliex il-Kummissjoni naqset milli teżamina jekk kienx hemm fil-fatt eċċess ta' rifużjoni tal-ħlas ta' l-importazzjoni fuq materja kkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat, ma jeżisti l-ebda bażi biex tikkonkludi jekk l-ammont fiss tas-sistema tal-ħlas lura Korean jikkostitwix sussidju speċifiku taħt Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament Bażiku.

(60) Huwa kunsidrat illi dan l-argument huwa irrelevanti għaliex il-paragrafu 2 ta' Anness II(II) ta' l-ASCM jirrelata ma' l-iskema ta' rifużjoni tad-dazju li, kif spjegat fuq, il-programm taħt konsiderazzjoni mhuwiex. Iżda f'kull każ, anke jekk kienet skema ta' rifużjoni ta' dazju, Anness II(II)(5) u Anness III(II)(3) tar-Regolament Bażiku jipprovdi biex il-piż ikun fuq il-gvern tal-pajjiż esportatur biex iwettaq dan l-eżami bbażat fuq transazzjonijiet attwali. Il-GK ma wettaqx dan l-eżami. Għalhekk il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk kienx hemm fil-fatt rifużjoni eċċessiv fuq il-ħlas fuq il-materja kkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat.

(61) Wieħed produttur Korean esportatur qal illi l-argument tal-Kummissjoni li ma teżistix sistema jew proċedura sabiex tikkonferma liema materja hija kkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti, mhux validu minħabba li d-dazju mħallas lura huwa permess biss għall-materja attwalment użata fil-produzzjoni tal-oġġetti esportati u fuq id-dazju attwalment imħallas.

(62) B'risposta għal dawn l-argumenti huwa kunsidrat illi taħt is-sistema tal-ħlas lura ta' l-ammont fiss, l-ammont ta' għotjiet miksuba mhumiex ikkalkulati skond il-materja attwalment ikkunsmat fil-proċess ta' produzzjoni jew dazju fuq l-importazzjoni attwalment imħallas iżda kalkulat bħala somma sħiħa bbażata fuq l-esportazzjoni kollha. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet huma miċħuda.

(63) Wieħed produttur Korean esportatur argumenta wkoll illi ma rċeviex xi benefiċċju mill-użu ta' din is-sistema, isostni illi huwa ħallas id-dazju fuq l-importazzjoni tal-materja prima wżata fil-produzzjoni tal-prodott konċernat, esporta l-prodott konċernat u l-ammont ta' rifużjoni ta' dazju huwa inferjuri għall-ammont li huma kellhom jirċievu kieku ntużat is-sistema individwali. Il-GK iżjed minn hekk argumenta li l-produttur esportatur Korean, li uża l-ammont fiss tas-sistema ta' rifużjoni ta' dazju pprovda lill-Kummissjoni bix-xhieda li d-rifużjoni tagħha fuq il-ħlasijiet ta' l-importazzjoni huwa ħafna inqas minn dawk imħallsa fuq il-materja importata li ġiet ikkunsmata fil-produzzjoni tal-prodott esportat matul il-perjodu investigattiv.

(64) B'risposta għal dawn l-argumenti huwa kunsidrat li, għar-raġunijiet spjegati fuq, pagamenti taħt is-sistema ta' ħlas lura ta' pagament fiss jikkostitwixxu għotjiet li huma bażati fuq l-andament ta' l-esportazzjoni u huma għalhekk speċifiċi u kumpensattivi taħt Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament Bażiku. Iżjed minn hekk, huwa irrelevanti jekk l-użu ta' skema leġittima ta' rifużjoni ta' dazju setgħetx kienet aktar vantaġġuża għall-produttur esportatur għaliex huwa għażel li jirċievi benefiċċji taħt skema li hija sussidju kumpensattiv. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet huma miċħuda.

3. **Programmi ta' taxxa**

(a) *Nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-limitazzjoni lill-industrija tal-manufattura*

(65) Fid-determinazzjoni provisorja tagħha, il-Kummissjoni kunsidrat li ċerti Artikoli tal-Liġi ta' l-Eżenzjoni mit-Taxxa u r-Riduzzjoni fil-Kontroll (LETRK) kienu kumpensattivi għaliex kienu speċifiċi taħt Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Bażiku bis-saħħa tal-limitu tagħhom għal ċertu impriżi li jinkludu dawk ta' l-industrija tal-manifattura. Dawn l-Artikoli kienu:

— Artikolu 7 (tnaqqis speċjali u eżenzjoni mill-ammont ta' taxxa għall-industrija tal-manifattura żgħira jew ta' daqs medju, eċċ.),

— Artikolu 8 (riservat għall-iżvilupp teknoloġiku),

— Artikolu 9 (kreditu ta' taxxa għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp teknoloġiku u tal-potenzjal uman),

— Artikolu 25 (kreditu ta' taxxa għal investiment fil-faċilitajiet għaż-żjieda fil-produzzjoni),

— Artikolu 27 (kreditu ta' taxxa għal żvilupp temporanju).

(66) Il-GK sostna li minħabba li d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Artikoli huma, fil-prattika, disponibbli għal varjetà wiesa' u sinnifikattiva ta' industriji/negozji, huma mhumiex speċifiċi fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(a), (b) u (ċ) ta' l-ASCM u għalhekk mhumiex kumpensattivi (dawn il-paragrafi ta' l-ASCM huwa miġjuba mill-ġdid f'Artikolu 3(2)(a), (b) u (ċ) tar-Regolament Bażiku). B'mod partikolari, il-GK enfasizza li l-kunċett ta' "industrija tal-manifattura" huwa wieħed b'definizzjoni wiesgħa ħafna u, fil-prattika, tinkludi għexieren ta' eluf ta' sottokategoriji fl-industrija.

(67) Il-prinċipju bażiku ta' speċifiċità huwa li s-sussidju li jfixkel l-allokazzjoni ta' risorsi fi ħdan ekonomija billi jiffavorixxi ċerti impriżi fuq oħrajn, għandu jkun soġġett għal miżuri kumpensattivi jekk jikkawża danni. Fejn l-eleġibiltà għas-sussidji hija llimitata fi ħdan ekonomija fuq il-bażi ta' kriterji ta' nuqqas ta' newtralità, dan it-tfixkil fl-allokazzjoni ta' riżorsi jitqies li jkun seħħ. Dan il-prinċipju huwa l-bażi ta' Artikolu 2(1)(a) ta' l-ASCM u Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Bażiku li jipprovdi li s-sussidju huwa speċifiku jekk l-awtorità li tagħti, jew il-leġislazzjoni li taħtha topera l-awtorità li tagħti, espliċitament tillimita l-aċċess għal sussidju lil ċerti intrapriżi. F'dan il-każ, huwa kunsidrat illi, waqt li l-kunċett ta' "industrija tal-manifattura" jista' jkun definizzjoni wiesgħa, huwa fatt li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli ta' TERCL imsemmija hawn fuq huma iktar imfasslin sabiex jirrestringu l-benefiċċji taħthom lil ċertu intrapriżi billi jagħmlu l-eliġibiltà dipendenti fuq kriterji oħra mhux newtrali, bħal investiment f'ċertu tipi ta' prodotti ta' teknoloġija għolja jew investiment barra l-pajjiż.

(68) Kien argumentat mill-GK li dawn il-kriterji huma newtrali, għaliex il-kumpaniji kollha għandhom opportunità ndaqs biex jagħmlu użu huma stess mis-sussidji. Per eżempju, ġie argumentat li sussidju għal impriżi li jinvestu barra l-pajjiż mhuwiex speċifiku għaliex l-impriżi kollha huma kapaċi li jinvestu barra. Madanakollu, skond dan l-argument, sussidju limitat għall-impriżi fis-settur tat-tessuti mhuwiex speċifiku, għaliex l-impriżi kollha "huma kapaċi" li jiddiversifikaw fit-tessuti. Jekk l-ispeċifikar taħt l-ASCM għandu jagħmel xi sens, għandu jkopri s-sitwazzjonijiet fejn il-gvernijiet jagħmlu s-sussidji soġġetti għal kondizzjonijiet li jkunu jafu minn qabel li se jirristringu severament in-numru ta' impriżi eliġibbli biex japplikaw; sussidji bħal dawn huma magħmulin biex jiffavorixxu ċerti intrapriżi fuq oħrajn. Għal din ir-raġuni, it-tip ta' kriterji wżati mill-GK biex jinnomina benefiċjarji, mhumiex "newtrali", u kif inhu spjegat hawn taħt, huma mhumiex orizzontali fl-applikazzjoni, kif meħtieġa b'Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Bażiku. Għalhekk instab li s-sussidji taħt dawn Artikoli tat-TERCL huma speċifiċi; raġunijiet iktar dettaljati huma mogħtija hawn taħt fir-rigward ta' skemi individwali.

(b) *Proċess bla bżonn*

(69) Il-GK sostna li, kif il-persuna li llmentat f'dan il-proċediment ma għamlet ebda allegazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tat-taxxa ta' ċertu Artikoli tat-TERCL, huma ma għandhomx jiġu nklużi fi kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-proċediment. L-Artikoli konċernati huma:

— Artikolu 5 (Kreditu speċjali ta' taxxa għall-IŻM),

— Artikolu 7 (tnaqqis speċjali u eżenzjoni mill-ammont ta' taxxa għall-industriji tal-manifattura ta' daqs żgħir u medju, eċċ.),

— Artikolu 27 (kreditu ta' taxxa fuq investiment temporanju).

(70) B'mod partikolari, il-GK jgħid illi:

(i) Artikolu 11 ta' l-ASCM (Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku) isemmi l-informazzjoni li trid titniżżel f'ilment, inkluż ix-xhieda ta' l-eżistenza tas-sussidji u l-ammont u n-natura tas-sussidju in kwistjoni;

(ii) Artikolu 12(1) ta' l-ASCM (Artikolu 11 tar-Regolament Bażiku) jgħid li Membri interessati u l-partijiet kollha nteressati fl-investigazzjoni tad-dazju kompensatorju għandhom jingħataw avviż fuq l-informazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet;

(iii) il-paragarfu 7 ta' Anness VI ta' l-ASCM (Artikolu 26(3) tar-Regolament Bażiku) jgħid illi għandha tkun prattika komuni qabel iż-żjara (verifikazzjoni) li jingħata parir lill-impriżi konċernati, dwar in-natura ġenerali ta' l-informazzjoni li għandha tkun verifikata u kull informazzjoni oħra li jkun hemm bżonn li tiġi fornuta.

(71) Il-GK sostna li dawn id-dispożizzjonijiet ta' l-ASCM ġew injorati billi nkludew il-programmi li mhumiex allegati fiddeċiżjoni u li, iżjed minn hekk, kemm il-GK kif ukoll xi produtturi esportaturi li jikkoperaw ma kellhomx l-opportunità biex jiddefendu ruħhom b'mod xieraq.

(72) B'risposta għall-pretensjoni ta' l-GK, huwa kunsidrat li, meta jsir ilment, min jilmenta ma jistax ikun mistenni li jkollu t-tagħrif sa l-inqas dettal fuq l-allegati programmi ta' sussidju f'terza pajjiż. F'dan il-każ, min għamel l-ilment, għamel numru kbir ta' allegazzjonijiet ta' sussidju fuq it-taxxa mogħtija taħt it-TERCL. L-investigazzjoni mbagħad kixfet sussidji oħra fuq taxxi mogħtija taħt ċertu dispożizzjonijiet ta' TERCL li ma kienux speċifikament imsemmija fl-ilment, iżda li għandhom effett simili

għall-iskemi allegati. Fid-dawl tan-natura ta' dawn is-sussidji, u b'mod partikolari l-fatt li jingħataw taħt l-umbrella ġenerali tat-TERCL (kontra liema min għamel l-ilment għamel numru ta' allegazzjonijiet tas-sussidji) huwa konklużż li l-Kummissjoniji hija ntitulata li tinvestigahom u tirrakkomanda azzjoni kumpensattiva xierqa.

(ċ) *Artikolu 8 tat-TERCL (riserva għall-iżvilupp teknoloġiku)*

(73) B'żjieda mal-pretensjoni tal-GK dwar in-nuqqas ta' speċifiċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-GK sostna li dan l-Artikolu huwa sussdju ta' riċerka u żvilupp mhux azzjonabbli (R & Ż) fit-tifsira ta' Artikolu 8(2)(a) ta' l-ASCM (dan il-paragrafu ta' l-ASCM huwa miġjub mill-ġdid f'Artikolu 4(2) tar-Regolament Bażiku).

(74) Huwa mfakkar li, jekk is-sussidji ta' R & Ż li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' Artikolu 8(2)(a) ta' l-ASCM ikunu nnotifikati lill-OKD taħt id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8(3) ta' dak il-Ftehim, ma tistax tinfetaħ investigazzjoni fuq dawn is-sussidji. Fir-rigward ta' Artikolu 8 tat-TERCL, ġie nnotat li l-Korea ma nnotifikatx din id-dispożizzjoni lill-OKD taħt Artikolu 8(3) ta' l-ASCM. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet intitolata li tagħti bidu għall-investigazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-TERCL. Rigward il-pretensjoni tal-GK li din id-dispożizzjoni mhiex azzjonabbli, u għaldaqstant prottetta minn miżuri kumpensattivi, il-GK huwa meħtieġ li juri din in-nuqqas ta' azzjonabiltà. Ingħata opportunità mill-Kummissjoni li jagħmel turija bħal din fil-bidu ta' l-investigazzjoni, iżda ma għamilx hekk. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jistgħu jiġu mposti miżuri kumpensattivi fuq il-benefiċċji li jaqgħu taħt dan l-Artikolu.

(75) Fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' speċifità tal-GK, l-iskema mhiex newtrali għaliex tagħmel differenza bejn intapriżi normali u dawk li huma teknoloġikament intensivi. Ta' l-aħħar jirċievu rati aħjar ta' benefiċċju. Distinzjoni bħal din turi li l-kriterji mhumiex newtrali u jeskludu numru kbir ta' impriżi, għal-liema, l-iżvilupp teknoloġiku mhuwiex neċessarju. Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk imsemmija f'narrattivi 67 sa 70 hawn fuq, huwa kunsidrat li Artikolu 8 tat-TERCL huwa speċifiku u għalhekk kumpensattiv.

(d) *Artikolu 9 tat-TERCL (taxxa għall-ispejjeż ta' l-iżvilupp teknoloġiku u tal-potenzjal uman)*

(76) B'żjieda mal-pretensjoni ġenerali tal-GK dwar in-nuqqas ta' speċifiċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-GK sostna li l-kriterju ta' l-iżvilupp teknoloġiku u tal-potenzjal uman huwa għan u kriterju newtrali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(b) ta' l-ASCM. Huwa kunsidrat li dan il-kriterju mhuwiex newtrali fis-sens ta' dak l-Artikolu ta' l-ASCM u lanqas fis-sens ta' Artikolu 3(2) punt (b) tar-Regolament Bażiku. Dan l-aħħar Artikolu jeħtieġ illi l-kriterji oġġettivi jew il-kondizzjonijiet ikunu newtrali u wkoll ekonomiċi fin-natura u orizzontali fl-applikazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan Artikolu tat-TERCL huma kunsidrati li mhumiex orizzontali fin-natura għax b'mod ċar, il-kumpaniji f'ċerti setturi industrijali se jkunu aktar orjentati teknoloġikament minn dawk f'setturi oħra u għalhekk se jkunu aktar probabbli li jieħdu vantaġġ minn din id-dispożizzjoni. Il-GK, bil-leġislar ta' din id-dispożizzjoni tat-TERCL, ta benefiċċju mhux proporzjonat lill-intrapriżi f'ċertu setturi industrijali.

(77) Huwa kunsidrat li din l-iskema hija speċifika għax hija llimitata għal ċerti intrapriżi (ara narrattivi 67 sa 70) u għalhekk kumpensattiva. Din l-iskema hija wkoll speċifika taħt Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Bażiku u għalhekk kumpensattiva.

(e) *Artikolu 23 tat-TERCL (riservat għal telf ta' investiment barra l-pajjiż)*

(78) Il-GK innota li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma kienux effettivi sa minn Jannar 1998. Il-GK sostna wkoll li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma disponibbli għal varjetà wiesgħa ta' industriji u wkoll li l-kriterju ta' investiment barra l-pajjiż huwa kriterju oġġettiv u newtrali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(b) ta' l-ASCM.

(79) In-natura ta' din id-dispożizzjoni hija dik ta' differiment ta' taxxa li se tkun miżjuda lura mal-bażi ta' taxxa ta' kumpanija wara perjodu ta' sentejn ta' grazzja, f'ammonti indaqs fuq tlett snin. Għaldaqstant, għat-taxxa differita matul l-aħħar sena ta' eliġibiltà (sena ta' taxxa 1997), il-benefiċċji komplew jingħemgħu matul il-perjodu investigattiv (l-1 ta' April 1997 sal-31 ta' Marzu 1998) u jkomplu jingħemgħu għal numru ta' snin wara, lill-kumpaniji li użaw din id-dispożizzjoni tat-taxxa.

(80) Dwar il-pretensjoni tal-GK li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma disponibbli għal varjetà wiesgħa ta' industriji, huwa nnotat li, fil-konklużjonijet provisorji tagħha, il-Kummissjoni sabet li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu kienu llimitati għal dawk il-kumpaniji Koreani li jinvestu barra. Ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni ġdida li dan mhux il-każ. Simili għall-pretensjoni ta' hawn fuq tal-GK dwar in-nuqqas ta' speċifiċità tal-limitazzjoni ta' l-industrija tal-manifattura (ara narrattivi 67 sa 70), huwa fatt li d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 23 tat-TERCL jirrestringi l-benefiċċji taħthom għal ċertu intrapriżi. Din id-dispożizzjoni hija għalhekk speċifika taħt Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Bażiku u għalhekk kumpensattiva.

(81) Il-GK sostna wkoll li l-kriterju ta' investiment barra l-pajjiż huwa kriterju oġġettiv u newtrali fit-tifsira ta' Artikolu 2(1)(b) ta' l-ASCM. Huwa kunsidrat li dan il-kriterju mhuwiex newtrali fis-sens ta' dak Artikolu ta' l-ASCM u lanqas fis-sens ta' Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Bażiku.

Dan l-aħħar Artikolu jeħtieġ li l-kriterji jew il-kondizzjonijiet oġġettivi jkunu newtrali u wkoll ekonomiċi fin-natura u orizzontali fl-applikazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu tat-TERCL jitqiesu li mhumiex oġġettivi, għaliex huwa magħruf bil-quddiem illi kumpaniji li ma jinvestux barra ma jkunux eleġibbli għall-benefiċċju. Dan il-kriterju għalhekk la huwa newtrali u lanqas orizzontali fl-applikazjoni. Il-GK, bil-leġislar ta' din id-dispożizzjoni tat-TERCL, ta benefiċċju lil numru limitat ta' intrapriżi b'interessi barra l-pajjiż.

(82) Huwa kunsidrat, għalhekk, li din id-dispożizzjoni tat-TERCL hija speċifika taħt Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Bażiku u għalhekk kumpensattiva.

(f) *Artikolu 25 tat-TERCL (kreditu ta' taxxa għall-investiment fil-faċilitajiet għaż-żjieda fil-produttività)*

(83) B'żjieda mal-pretensjoni tal-GK dwar in-nuqqas ta' speċifiċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-GK wera li d-dispożizzjoni tat-trattament preferenzjali għal faċilitajiet domestiċi fuq dawk importati li tinsab f'dan l-Artikolu ġiet imħassra fl-aħħar ta' l-1996, li jiġi qabel il-perjodu investigattiv. Fil-konklużjonijiet provisorji tagħha, il-Kummissjoni tabilhaqq innotat li d-dispożizzjoni f'Artikolu għal rati differenti fis-seħħ għal faċilitajiet importati (3 % kreditu) u dawk li joriġinaw hemmhekk (10 % kreditu) kienu imħassra fl-aħħar ta' l-1996. Madanakollu, kif kumpaniji li bdew proġetti ta' investiment qabel l-aħħar ta' l-1996, iżda li komplew wara dik id-data, jistgħu jagħżlu biex jibbenefikaw mir-rati fis-seħħ qabel dik id-data, il-benefiċċji komplew jingemgħu matul il-perjodu investigattiv.

(84) Dwar ir-rati differenti fis-seħħ għal faċilitajiet importati u dawk lokali qabel l-aħħar ta' l-1996, diġà nstab li l-iskema hija speċifika taħt Artikolu 3(4)(b) tar-Regolament Bażiku. Dwar il-pretensjoni ġenerali ta' nuqqas ta' speċifiċità, huwa kunsidrat li din l-iskema hija speċifika għax hija limitata għal ċerti intrapriżi (ara narrattivi 67 sa 70) u għalhekk kumpensattiva. Huwa magħruf bil-quddiem illi ċerti intrapriżi huma aktar probabbli minn oħrajn li jkunu f'pożizzjoni li jibbenefikaw minn vantaġġi ta' taxxa għal titjib fil-produttività, dan minħabba t-tip ta' negozju li qegħdin fih. Għalhekk, il-benefiċċji minn din l-iskema inevitabilment se jkunu iktar relevanti għal xi setturi minn oħrajn.

(ġ) *Artikolu 27 tat-TERCL (kreditu ta' taxxa fuq investiment temporanju)*

(85) B'żjieda mal-pretensjoni tal-GK dwar in-nuqqas ta' speċifiċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-GK ġibed l-attenzjoni li d-dispożizzjoni ta' trattament preferenzjali għal faċilitajiet domestiċi fuq faċilitajiet importati tħassret fl-aħħar ta' l-1996. Fil-konklużjonijiet provisorji tagħha, il-Kummissjoni kunsidrat li l-benefiċċji li jaqgħu taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu kumpensattivi għax il-kumpaniji jistgħu jagħżlu li jibbenefikaw minn rati differenti fis-seħħ għal makkinarju importat (kreditu ta' 3 %) u dak lokali (kreditu ta'10 %) qabel l-aħħar ta' l-1996 għal investiment fi proġetti li bdew qabel dak in-nhar. Għal-daqstant, il-benefiċċji komplew jakkumulaw matul il-perjodu investigattiv.

(86) Huwa kunsidrat li din l-iskema hija speċifika għax hija llimitata għal ċerti intrapriżi (ara narrattivi 67 sa 70) u għalhekk kumpensattiva. Dwar ir-rati differenti fis-seħħ qabel l-aħħar ta' l-1996, l-iskema hija speċifika taħt Artikolu 3(4)(b) tar-Regolament Bażiku. Dwar il-pretensjoni ġenerali għan-nuqqas ta' speċifiċità, bħal fil-każ ta' Artikolu 25, din l-iskema hija disponibbli biss għal dawk l-intrapriżi li jinvestu f'apparat li jtejjeb il-produttività. Sforz in-natura ta' din il-kundizzjoni, huwa inevitabbli li ċerti intrapriżi se jkunu aktar probabbli li jibbenefikaw minn oħrajn.

## 4. **Ammont ta' sussidji kumpensattivi**

(87) Billi jingħata kas tal-konklużjonijiet definittivi dwar id-diversi skemi mfasslin hawn fuq, l-ammont ta' sussidji kumpensattivi għal kull wieħed mill-produtturi esportaturi investigati huwa kif ġej:

| | Self (esportazzjoni) | Self (oħrajn) | Taxxa (esportazzjoni) | Taxxa (oħrajn) | Dazju żvantaġġi | Total Sussidju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Korea Welding | 0,47 | 0,06 | 0,34 | 0,08 | 0 | 0,95 |
| Prodotti Shine Metal | 1,63 | 0 | 0 | 0 | 1,09 | 2,72 |
| Dae Sung Rope Mfg Co., Ltd. | 0,09 | 0,15 | 0,06 | 0,55 | 0 | 0,85 |
| Korea Sangsa Co. Ltd/Myung Jin Co., Ltd | 0,17 | 0 | 0,15 | 0,25 | 0 | 0,57 |
| Kowel Special Steel Wire Co | 0,88 | 0 | 0 | 0,03 | 0 | 0,91 |
| SeAH Metal Products Co., Ltd. | 2,31 | 0,18 | 0,02 | 0 | 0 | 2,51 |

(88) Il-marġini tas-sussidju medju mal-pajjiż kollu peżat għall-produtturi kollha esportaturi investigati, li jirrapreżentaw it-totalità ta' l-esportazzjoni lill-Komunità li joriġinaw fil-Korea espress bħala persentaġġ tal-prezz cif fil-livell tal-fruntiera tal-Komunità huwa *de minimis*, jiġifieri taħt il-1 %. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-marġini tas-sussidju għall-Korea għandu jkun kunsidrat negliġibbli skond Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku.

(E) **DANNI**

1. **Rimarki preliminari**

(89) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq dwar il-Korea, jiġifieri l-marġini tas-sussidju mal-pajjiż kollu għal dan il-pajjiż, billi hu taħt it-*threshold* de minimis, l-importazzjonijiet ta' SSW fin li joriġina fil-Korea mhumiex aktar ikunsidrati bħala importazzjonijiet issussidjati. Għalhekk, kuntrarju għall-konklużjonijiet elenkati fir-Regolament provisorju, l-importazzjoni mill-Indja biss sejra tittieħed in konsiderazzjoni għall-iskopijiet ta' stima tad-danni elenkati hawn taħt.

2. **Industrija tal-Komunità**

(90) Fin-nuqqas ta' evidenza ġdida jew ta' xi argument ieħor sostanzjat miġjub minn xi parti konċernata, il-fatti u l-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 206 u 207 tar-Regolament provisorju qegħdin jiġu hawnhekk konfermati, jiġifieri l-produtturi tal-Komunità li jilmentaw, li jirrapreżentaw iżjed minn 75 % tat-total tal-produzzjoni SSW fin tal-Komunità, jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità, skond Artikolu 9(1) tar-Regolament Bażiku.

3. **Aspetti ta' kompetizzjoni**

(91) Fil-kummenti tagħhom wara l-iżvelar, il-produtturi Indjani esportaturi reġgħu sostnew il-pretensjoni tagħhom li d-*data* kollha mogħtija mill-industrija tal-Komunità fil-qafas tal-proċediment kurrenti tista' tkun artifiċjalment minfuħa bħala riżultat ta' l-applikazzjoni uniformi tas-sistema ta' *alloy surcharge*, u ma jkunx, għalhekk, possibbli li titmexxi analiżi eżatta tad-danni fil-qafas tal-proċediment kontra s-sussidju. Minħabba li, madanakollu, ma nġieb ebda argument ġdid minn ebda parti interessata u kien hemm deċiżjoni definittiva li tiċħad l-ilment fil-każ Nru IV/E-1/36 930 dwar l-i *stainless steel bright bars*, li jappartjenu għall-istess kategorija ta' prodotti bħall-SSW, il-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 208 sa 215 tar-Regolament provisorju huma hawnhekk konfermati.

4. **Konsum tal-Komunità**

(92) Wara l-iżvelar, xi partijiet interessati argumentaw li l-metodoloġija segwita għall-iskop biex jiġi stabbilit il-konsum tal-Komunità, b'mod partikolari dwar il-bejgħ mill-produtturi tal-Komunità li ma jikkoperawx u l-importazzjoni ta' pajjiżi terzi, ma kienx xieraq.

(93) F'dan ir-rispett, għandu jiġi mfakkar li d-*data* detteljati u verifikati huma disponibbli biss għall-industrija tal-Komunità u l-produtturi esportaturi li jikkoperaw fil-pajjiż konċernat. Għalhekk, skond il-prattika konsistenti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità saret riferenza għall-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, u b'mod partikolarli lill-għejun ta' statistika indipendenti. L-ebda persuna interessata ma provdiet informazzjoni li turi li l-metodu segwit mill-istituzzjonijiet tal-Komunità ma kienx raġonevoli u mhux ġustifikat fiċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti.

(94) Konsegwentement, il-konklużjonijiet imfassla f'narrattivi 216 u 217 tar-Regolament provisorju huma konfermati.

5. **Volum ta' l-importazzjoni u ishma tas-suq ta' l-importazzjoni sussidjata**

(95) L-importazzjoni li toriġina fl-Indja f'tunnellati żviluppat kif ġej: 52 t fl-1994, 117 fl-1995, 189 fl-1996, 445 fl-1997 u 717 matul il-perjodu investigattiv. Huma, għalhekk, żdiedu b'mod qawwi u b'mod konsiderevoli matul il-perjodu taħt konsiderazzjoni, jiġifieri b'madwar 1 250%.

(96) L-ishma tas-suq ta' l-importazzjoni li toriġina fl-Indja żdiedu b'mod kostanti minn 0,3 % fl-1994 sa 0,6 % fl-1995, 1,1 % fl-1996 sa 2,2 % fl-1997, u laħqu 3,3 % matul il-perjodu investigattiv.

6. **Prezzijiet ta' l-importazzjoni sussidjata**

(a) *Evoluzzjoni tal-prezz*

(97) Prezz tal-bejgħ medju fil-kilò (fl-ecu) ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Indja żdiedu bejn l-1994 u l-1995 (minn 2,57 sa 3; 52), naqsu b'mod sod bejn l-1995 u l-1997 (minn 3,52 fl-1996 sa 3,04 fl-1997) u żdiedu ftit wara l-1997 sa 3,12 matul il-perjodu investigattiv.

(b) *Prezzijiet mqaċċta*

(98) Għall-metodoloġija segwita bl-iskop tal-kalkolu tal-marġini tat-tqaċċit tal-prezz, xi partijiet interessati kkontestaw il-metodoloġija wżata mill-Kummissjoni fl-istadju provisorju. Huma sostnew li dawn il-marġini kienu minfuħa minħabba li kwalunkwe ammont negattiv li bih il-prezzijiet tal-produtturi esportaturi qaċċtu dawk ta' l-industrija tal-Komunità, ma ġewx paċuti bi kwalunkwe ammont pożittiv.

(99) Għandu jiġi nnotat li l-metodoloġija deskritta f'narrattivi 225 u 226 tar-Regolament provisorju għall-kalkolu tal-marġini tat-tqaċċit tal-prezz, il-prezz tal-bejgħ nett medju peżat ta' l-importazzjonijiet issussidjati ġew imqabbla, fuq il-bażi ta' mudell b'mudell, mal-prezz nett medju tal-bejgħ b'mudell, ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità. Għalhekk, din il-metodoloġija ħalliet li l-ammont li bih il-prezz tal-produtturi esportaturi ta' mudell partikolari jeċċedi dak tal-prezz ta' l-industrija tal-Komunità, li jittieħed kont tiegħu fuq bażi ta' transazzjoni bi transazzjoni.

(100) Għalhekk, il-konklużjonijiet milħuqa dwar il-metodoloġija ġenerali applikata, stabbilita f'narrattivi 225 sa 226 tar-Regolament provisorju, huma konfermati.

(101) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra, il-marġini mqaċċta tal-prezz attwali għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Indja, stabbilit f'narrattiv 227 tar-Regolament provisorju, huma hawnhekk konfermati.

### 7. **Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità**

(102) Minħabba li ma nġiebu ebda argumenti minn xi parti interessata dwar il-konklużjonijiet provisorji li jikkonċernaw l-indikaturi ekonomiċi dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, il-konklużjonijiet kif stabbiliti f'narrattivi 228 sa 238 tar-Regolament provisorju huma hawnhekk konfermati.

(103) Xi partijiet interessati argumentaw li l-indikaturi ekonomiċi ta' l-industrija tal-Komunità ma ħallewx il-konklużjoni li din l-industrija kienet sofriet danni materjali. Tabilħaqq, huma argumentaw li s-sitwazjoni ta' l-industrija tal-Komunità wriet sinjali ta' titjib f'termini ta' produzzjoni, volum ta' bejgħ, u impjiegi u li kienet stabbli fir-rigward ta' l-investimenti. Fir-rigward tal-profitti, it-tendenza ta' nuqqas hija spjegata bid-deċiżjoni ta' l-industrija tal-Komunità li tikkonċentra prodotti li jiġġeneraw spejjeż aktar għoljin ta' produzzjoni.

(104) Kif stabbilit f'narrattivi 236 sa 238 tar-Regolament provisorju, għandu jiġi mfakkar li l-konklużjoni tad-danni materjali ta' l-industrija tal-Komunità kien ibbażat fuq il-fatt li l-industrija tal-Komunità, iffaċċjata b'importazzjoni ssussidjata, ma setgħetx issegwi it-tendenza ta' tkabbir tas-suq, b'mod konsistenti tilfet sehem mis-suq bejn l-1994 u l-perjodu investigattiv, u kienet biss kapaċi żżomm il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet stabbli a skapitu tal-profitti tagħha li saru. Tabilħaqq, il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità żdied biss b'5 % bejn l-1994 u l-perjodu investigattiv, filwaqt li s-suq tal-Komunità żdied b'27 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, iż-żieda żgħira fil-produzzjoni kif ukoll il-volum stabbli tal-bejgħ u l-prezzijiet huma dovuti biss għall-fatt li l-industrija tal-Komunità ppruvat iżżomm il-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-Komunità. Għalhekk, it-tendenza ta' nuqqas ta' profitti tagħha, ma tistax tiġi spjegata esklussivament bil-fatt li l-industrija tal-Komunità bdiet tipproduċi wkoll xi mudelli li għalihom kienet iffaċjata b'inqas kompetizzjoni mill-importazzjoni sussidjata.

(105) Fuq il-bażi ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-industrija tal-Komunità qegħda ssofri danni materjali kif stabbilit f'narrattivi 236 sa 238 tar-Regolament provisorju.

## (F) **KAWŻI**

(106) Skond Artikolu 8(6) u (7) tar-Regolament Bażiku, is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw jekk l-importazzjoni li oriġinat fl-Indja ikkawżatx dannu materjali. Fatturi magħrufa għajr l-importazzjoni sussidjata, li jistgħu fl-istess ħin ikunu qegħdin jikkawżaw danni lill-industrija tal-Komunità, kienu wkoll eżaminati sabiex jiżguraw li d-dannu possibbli kkawżat b'dawn il-fatturi ma jkunx attribwit lill-importazzjoni sussidjata.

### (a) *Effett ta' l-importazzjoni sussidjata*

(107) Iż-żieda sinnifikanti tal-volum tal-bejgħ (madwar 1 250%) u tas-sehem tas-suq ta' l-importazzjoni sussidjata (minn 0,3 % sa 3,3 %) bejn l-1994 u l-perjodu investigattiv kif ukoll kif it-tqaċċit sostanzjali tal-prezz misjub (26 % fuq il-medja peżata għall-Indja) ikkoinċida mad-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, f'termini ta' telf ta' l-ishma tas-suq, tnaqqis fil-prezzijiet kif ukoll deterjorar fil-profitti.

(108) Is-suq għal SSW fin fi ħdan il-Komunità espanda b'27 % bejn l-1994 u l-aħħar tal-perjodu investigattiv. Madanakollu, il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, anke jekk jirrifletti sa ċertu punt l-evoluzzjoni tas-suq, żdied biss b'5 %, ma jsegwix dik l-espansjoni. B'kuntrast, l-importazzjoni sussidjata ġejja mill-Indja żdiedet b'mod konsiderevoli kemm fil-volum u fis-sehem tas-suq matul l-istess perjodu. Dan ikkoinċida mat-tendenza tat-tnaqqis fis-sitwazzjoni l ta' l-industrija tal-Komunità, li tilfet ishma mis-suq u kellha tnaqqas kemm l-investimenti tagħha u l-prezzijiet tagħha mill-1996, b'riżultat ta' telf finanzjarju fl-1997.

(109) Meta ffaċċjati bi importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ta' ġejjin mill-Indja, fl-1996, il-maġġoranza tal-produtturi tal-Komunità ppruvaw iżommu l-istess prezzijiet tal-bejgħ tagħhom, filwaqt li ftit oħra naqsuhom. Iż-żewġ strateġiji rriżultaw f'impatt negattiv fuq il-profitti jew direttament (prezzijiet baxxi) jew indirettament (prezzijiet iktar għoljin li wasslu f'volum inqas ta' bejgħ li rriżulta fi spejjeż ta' produzzjoni iktar għolja għal kull tunellata). Mill-1996, il-produtturi kollha tal-Komunità naqsu sostanzjalment il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom, li dan kellu impatt ieħor negattiv fuq il-profitti tagħhom, anke jekk huma ppruvaw jikkonċentraw fuq ċertu niċeċ tas-suq sabiex jevitaw li jkunu affetwati b'iktar qawwa mill-effetti ta' l-importazzjoni sussidjata. Din turi biċ-ċar is-sensittività tas-suq u l-impatt importanti tat-tqaċċit fil-prezz mill-produtturi Indjani esportaturi.

### (b) *Effett ta' fatturi oħra*

(110) Skond Artikolu 8(7) tar-Regolament Bażiku, is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw jekk fatturi oħra għajr dawk ta' l-importazzjoni sussidjata mill-Indja, setgħux ħallew effett fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol ta' produtturi oħra tal-Komunità li ma jikkoperawx fl-investigazzjoni u ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra.

1. *Produtturi oħra tal-Komunità*

(111) Wara l-adozzjoni tar-Regolament provisorju, xi partijiet interessati staqsew jekk id-dannu soffrut mill-industija tal-Komunità kienx kawżat minħabba l-importazzjonijiet issussidjati. B'mod partikolari, kien allegat li d-dannu kien ikkawżat minn fatturi oħra, b'mod partikolari minn produtturi oħra tal-Komunità. Kien argumentat f'dan ir-rigward, illi fid-dawl tal-kooperazzjoni limitata miksuba mill-produtturi tal-Komunità, l-istima ta' l-impatt tal-bejgħ mill-produtturi tal-Komunità li ma jikkoperawx, ma kinetx għal kollox ta' min joqgħod fuqha.

(112) Għandu jiġi mfakkar li *data* dettaljata u vverifikata hija disponibbli biss għall-industrija tal-Komunità. Waqt li jingħata kas tal-livell għoli ta' kooperazzjoni miksub mill-industrija tal-Komunità li jassigura li l-konklużjonijiet rappreżentattivi kif ukoll it-trasparenza u s-sensittività tal-prezz tas-suq SSW fil-Komunità, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li produtturi oħra tal-Komunità x'aktarx segwew tendenzi simili għal dik misjuba għall-industrija tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzijiet. Iżjed minn hekk, l-ebda parti nteressata ma tat xi informazzjoni li tista' tissuġġerixxi li l-produtturi li ma lmentawx operaw f'kuntest iktar pożittiv.

2. *Importazzjoni minn pajjiżi terzi*

(113) Is-sehem tas-suq minn pajjiżi terzi huma kif ġejjin:

| (Kwoti tas-suq) | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | IP |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Korea | 7 % | 9 % | 16 % | 20 % | 20 % |
| L-Iżvizzera | 3 % | 3 % | 3 % | 3 % | 3 % |
| Oħrajn | 2 % | 3 % | 3 % | 2 % | 3 % |
| Total | 12 % | 15 % | 22 % | 25 % | 26 % |

Il-Korea

(114) Ġew eżaminati importazzjonijiet li joriġinaw mill-Korea fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni u kien konkluż li l-medja peżata mal-pajjiż kollu tal-marġini tas-sussidju hija inqas mit-*threshold de minimis*. Fir-rigward ta' l-iżvilupp fil-volum ta' l-importazzjoni u s-sehem tas-suq korrispondenti, l-importazzjoni li toriġina fil-Korea żdiedet b'mod sinnifikanti kif muri fit-tabella. Dawn l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet li qaċċtu lil dawk ta' l-industrija tal-Komunità kif stabbilit f' narrattiv 227 tar-Regolament provisorju. Għandu jkun innotat li l-marġini tal-prezz imqaċċat stabbilit għall-importazzjoni li toriġina fil-Korea (li ammontat għal 12 % tal-medja peżata) hija f'livell sinifikanti inqas mill-marġini tal-prezz imqaċċat stabbilit għall-importazzjoni li toriġina fl-Indja (li ammontat għal 26 % fuq il-medja peżata) kif stabbilit f'narrattiv 227 tar-Regolament provisorju.

Pajjiżi terzi oħra

(115) Kien provisorjament konkluż mill-figuri ta' hawn fuq li l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari mill-Isvizzera, ma steġħux ikollhom impatt deċiżiv fuq id-dannu soffert mill-industrija tal-Komunità minħabba li huma baqgħu stabbli kemm fil-volum u fl-ishma tas-suq bejn l-1994 u l-perjodu investigattiv, filwaqt illi l-importazzjoni mill-pajjiż konċernat żdiedet b'mod konsistenti matul dak il-perjodu u ma nstabet l-ebda indikazzjoni ta' xi qtugħ fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità. Minħabba li ma nġieb ebda argument ġdid minn xi parti nteressata, il-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 244 u 245 tar-Regolament provisorju qegħdin jiġu hawnhekk konfermati.

(116) Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari mill-Korea, ikkontribwew għad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità. Madanakollu, fid-dawl tas-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Indja (li jammontaw għal iżjed minn 11 % tal-volum ta' l-importazzjoni totali fil-Komunità matul il-perjodu investigattiv) u t-tqaċċit sinnifikanti li nstab, ġie konkluż li dan waħdu ma kienx biżżejjed biex jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjoni sussidjata mill-Indja u d-dannu materjali soffert mill-industrija tal-Komunità.

3. *Oħrajn*

(117) Ma nġieb ebda argument ġdid minn xi parti nteressata dwar jekk fatturi oħra, li setgħu ikkontribwew għad-danni sofruti mill-industrija tal-Komunità, b'mod partikolari, it-tnaqqis fid-domanda jew it-tibdiliet fix-xejra tal-konsum, żviluppi fit-teknoloġija u l-mod ta' kif sejra l-esportazzjoni u l-produttività fl-industrija tal-Komunità. Għalhekk, il-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 246 sa 249 tar-Regolament provisorju huma hawnhekk konfermati.

(ċ) **Konklużjoni fuq il-kawżi**

(118) Għalhekk, fatturi oħra barra l-importazzjoni sussidjata li toriġina fl-Indja, anki jekk huma ikkontribwew għad-danni sofruti mill-industrija tal-Komunità, ma kienux tali li jiksru r-rabta kawżali bejn l-importazzjoni ssussidjata li toriġina fl-Indja u d-danni materjali sofruti mill-industrija tal-Komunità minnhom.

(119) Fid-dawl ta' dan, huwa konkluż li l-importazzjoni ssussidjata li toriġina fl-Indja meħuda waħidha, ikkawżat danni materjali lill-industrija tal-Komunità.

(Ġ) **L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

(120) Wara l-adozzjoni tar-Regolament provisorju, ġew sottomessi kummenti mill-utenti dwar l-effett potenzjali tad-dazji.

(121) Dwar l-industrija tal-Komunità u l-produtturi l-oħra tal-Komunità, fin-nuqqas ta' xi sottomissjonijiet oħra dwar l-impatt tad-dazji fuq is-sitwazzjoni tagħhom, il-konklużjoni hija hawnhekk konfermata li l-imposizzjoni ta' miżuri sejra tgħin lill-industrija tal-Komunità sabiex terġa' takkwista l-marġini ta' profitabiltà sodisfaċenti, u żżomm u tiżviluppa aktar l-attivitajiet tagħha fil-Komunità u tassigura kemm l-impjiegi kif ukoll l-investiment.

(122) Fin-nuqqas ta' xi reazzjoni oħra minn importaturi li mhumiex relatati u mill-fornituri, il-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 256 sa 261 tar-Regolament provisorju huma konfermati.

(123) Dwar l-utenti, xi kumpaniji allegaw li l-imposizzjoni ta' miżuri seta' kellha mpatt dirett fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom minħabba li din twassal għal żjieda fil-prezz tal-materja prima tagħhom. Madanakollu, huma qalu wkoll li setgħu iġibu l-provvisti tagħhom minn pajjiżi oħra minbarra mill-pajjiż konċernat. Iżjed minn hekk, fid-dawl tal-livell baxx tad-dazji fuq kollox, l-impatt ta' xi żjieda fil-prezz tkun limitata.

(124) Utenti oħra insistew fuq il-kwalità u l-fama tal-prodotti ta' l-industrija tal-Komunità, filwaqt illi għalhekk jikkonsidraw li l-imposizzjoni tal-miżuri ma taffetwax is-sitwazzjoni tagħhom stess.

(125) Għalhekk, il-konklużjonijiet stabbiliti f'narrattivi 251 sa 268 tar-Regolament provisorju huma konfermati fis-sens li ma hemmx raġunijiet konvinċenti kontra l-imposizzjoni ta' dazji kumpensattivi.

(Ħ) **KORS DEFINITTIV TA' AZZJONI**

1. Il-Korea

(126) Fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq illi l-marġini ta' sussidju medju peżat madwar il-pajjiż kollu għal importazzjoni li joriġinaw fil-Korea huwa minimu, dan il-proċediment għandu jiġi mitmum skond Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku.

2. L-Indja

(127) Fuq il-bażi tal-konlużjonijiet ta' hawn fuq dwar is-sussidjar, id-danni, ir-rabta kawżali u l-interss tal-Komunità, ġie kunsidrat liema forma u livell għandhom jieħdu l-miżuri kumpensattivi definittivi sabiex jitneħħa l-effett li jtellef il-kummerċ ikkawżat minn sussidji li jikkawżaw danni, u sabiex jitpoġġew lura l-kondizzjonijiet kompetittivi u effettivi fis-suq tal-SSW fin tal-Komunità.

(128) Għaldaqstant, kif spjegat f'narrattiva 271 tar-Regolament provisorju, il-livell ta' prezzijiet li ma jikkawżax danni ġie kalkulat fuq livell li jkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u jakkwista dħul raġonevoli fuq il-bejgħ.

(129) It-tqabbil tal-livelli tal-prezzijiet li ma jikkawżawx danni mal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-produtturi, wassal għal marġini li jikkawża danni, li kienu fil-każijiet kollha aktar mill-ammont ta' sussidju misjub għall-produtturi ko-operanti esportaturi (li jvarjaw minn madwar 20 % għal iżjed minn 70 %).

(130) Skond Artikolu 15(1) tar-Regolament Bażiku, ir-rata tad-dazju għandha tikkorrispondi għall-ammont ta' sussidju, sakemm il-marġini tad-dannu ma jkunx iżgħar. Din wasslet għar-rati ta' dazju li ġejjin għall-produtturi kooperanti Indjani esportaturi:

| Kumpanija | Dazju kompensatorju propost |
|---|---|
| Drawmet Wires Pvt Ltd, Mumbai | 8,8 |
| Indore Wire Ltd, Indore | 19,3 |
| Isibars/Isinox Ltd, Mumbai | 10,1 |
| Kei Industries Ltd, Delhi | 0 |
| Macro Bars and Wires Pvt Ltd, Mumbai | 25,4 |
| Mukand Ltd, Mumbai | 13,2 |
| Raajratna Metal Industries Ltd, Mumbai | 42,9 |
| Venus Wire, Indore | 35,4 |

(131) Sabiex jiġi evitat li jingħata *bonus* għal nuqqas ta' koperazzjoni, kien ikunsidrat xieraq li tiġi stabbilita r-rata ta' dazju għall-kumpaniji li ma jikkoperawx fl-iktar livell għoli stabbilit għal kull programm ta' sussidju individwali għall-kumpanniji li jikkoperaw, jiġifieri għall-kumpaniji li jikkoperaw li jinsabu fl-Indja, bl-44,4 %.

(132) Ir-rati ta' dazji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni preżenti kontra s-sussidju. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju huma għalhekk esklussivament applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż konċernat u magħmulin mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti magħmulin minn xi kumpanija oħra li mhiex speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju residwa.

(133) Kull pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju individwali (eż. wara l-bdil ta' isem ta' entità) għandhom ikunu ndirizzati lill-Kummissjoni minnufih, bl-informazzjoni relattiva kollha, b'mod partikolari kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u ma' l-esportazzjoni assoċjata ma' dak il-bdil fl-isem.

## (J) ĠBIR TAD-DAZJI PROVISORJI

(134) Fid-dawl ta' l-ammont tas-sussidji kumpensattivi misjuba għall-produtturi esportaturi li jinsabu fl-Indja u fid-dawl tas-serjetà tad-danni kkważati lill-industrija tal-Komunità, huwa kunsidrat neċessarju li l-ammonti assigurati permezz ta' dazji provisorji kumpensattivi fuq l-importazzjoni li toriġina fl-Indja skond ir-Regolament (KE) Nru 619/1999, ikunu definittivament miġbura sa l-ammont ta' dazji definittivi imposti, sakemm ir-rati ta' dazji provisorji ma jkunux inqas, f'liema każ għandu jipprevali ta' l-aħħar.

(135) Fir-rigward ta' l-ammonti assigurati permezz ta' dazji provisorji kumpensattivi fuq l-importazzjoni li toriġina mill-Korea, huma għandhom ikunu meħlusa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'dan il-mezz qiegħed jiġi mpost dazju definittiv kumpensattiv fuq l-importazzjoni ta' wires ta' l-i *stainless steel* b'dijametru ta' inqas minn 1 mm, b'piż ta' 2,5 % jew iżjed ta' nikil, li jeskludi l-*wire* b'piż ta' 28 % jew iżjed iżda mhux iktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew iżjed iżda mhux iżjed minn 22 % ta' kromju, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7223 00 19 (kodiċi TARIC 7223 00 19*10) u li joriġina fl-Indja.

2. Ir-rata ta' dazju definittiv kumpensattiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għandu jkun kif ġej:

| Produttur | Rata tad-dazju (%) | Taric addizzjonali Kodiċi |
|---|---|---|
| Drawmet Wires Pvt Ltd, B-482, Industrial Area, Bhiwadi,Indja | 8,5 | A001 |
| Indore Wire Company Ltd, Near Fort, Indore452 006 (MP),Indja | 19,3 | A004 |
| Isinox Steels Ltd, Indiasteel Complex, Railway Gate No 4, Antop Hill, Wadala, Mumbai400 037,Indja | 10,1 | A002 |
| Mukand Ltd, L.B.S. Marg, Kurla, Mumbai400 070,Indja | 13,2 | A003 |
| Raajratna Metal Industries Ltd, 909, Sakar - III, Nr Income Tax, Ahmedabad380 014, Gujarat, Indja | 42,9 | A005 |
| Venus Wire Industries Ltd, Block No 19, Raghuvanshi Mill Compound, Senapati Bapat Marg, Lower Parel, Mumbai400 013,Indja | 35,4 | A006 |
| Macro Bars and Wires Pvt Ltd, 702 Bombay Market Building, Taredo Road, Mumbai400 032,Indja | 25,4 | A008 |
| Kei Industries Ltd, D-90, Okhla Industrial Area Phase-1, New Delhi,Indjia | 0 | A020 |
| Il-Kumpanniji Indjani l-oħra kollha | 44,4 | A999 |

3. Sakemm mhux speċifikat b'mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

4. Ir-rati ta' dazju individwali (kuntrarju għad-dazju mal-pajjiż kollu applikaabli għal "oħrajn") speċifikati f'dan ir-Regolament huma esklussivament applikabli għall-importazzjoni ta' prodotti magħmulin mill-entità/jiet legali speċifikati msemmija u li joriġinaw fil-pajjiż konċernat. Il-prodotti magħmulin minn kull kumpanija li mhiex speċifikata bl-isem preċiż tagħha fil-parti operattiva tar-Regolament, ma tistax tibbenefika minn dawn ir-rati.

Kull pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati individwali (eż. wara tibdil fl-isem ta' l-entità) għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni [1] minnufih bl-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari b'kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat mat-tibdil ta' l-isem. Il-Kummissjoni trid, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, temenda r-Regolament kif meħtieġ billi taġġorna l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw mir-rati ta' dazju individwali.

*Artikolu 2*

1. L-ammonti assigurati permezz tad-dazju provisorju kumpensattiv fuq l-importazzjoni li toriġina fl-Indja taħt ir-Regolament (KE) Nru 619/1999 għandhom ikunu definittivament miġbura bir-rata ta' dazji definittivament imposti. L-ammonti assigurati b'eċċess tar-rata definittiva ta' dazji kumpensattivi għandhom jiġu rilaxxati.

2. Id-dispożizzjonijiet li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 1(4) għandhom japplikaw ukoll għall-ġabra definittiva ta' l-ammonti assigurati permezz tad-dazji provisorji kumpensattivi.

*Artikolu 3*

Il-proċediment dwar l-importazzjoni ta' *wires* ta' l-i *stainless steel wires* b'dijametru ta' inqas minn l mm li joriġina mill-Korea għandu jiġi terminat. L-ammonti assigurati proviżorjament permezz tad-dazji provisorji kumpensattivi fuq l-importazzjoni li toriġina mill-Korea taħt ir-Regolament (KE) Nru 619/1999 għandhom jiġu rilaxxati.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 1999.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. NIINISTÖ

---

(1) Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali 1 – Relazzjonijiet Esterni
Direttorat Ċ
DM 24 - 8/38
Rue De la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussels